MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 348/2006

**BANK OF VALLETTA p.l.c**

**vs.**

**Mario BRIFFA (I.D. 167573M) u Andrew u Carmen miżżewġin BRIFFA (I.D 591841M u 654343M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil- 21 t'April 2006 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra s-soċjeta' r-rikorrenti talbet li l-Qorti terġa' tagħmel eżekuttiva s-sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2000, fil-kawża fl-ismijiet premessi (Ċit. Nru 1112/98RCP) u dan billi għaddew aktar minn ħames (5) snin minn meta l-imsemmija sentenza saret eżekuttivi;

Rat li l-intimati notifikati ma ppreżentawx risposta u lanqas dehru għar-rikors;

Rat li r-rappreżentant tal-kumpannija kkonferma bil-ġurament il-kontenut tar-rikors u iddikjara li ma tħallas xejn fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

Illi għalhekk it-talba tar-rikorrenti tirriżulta ġustifikata u għalhekk tilqa' t'talbiet tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------